



16.1.2012

0002/2012

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura
dwar l-użu ta' ajruplani mingħajr piloti għal qtil immirat

Sabine Lösing, Sonja Alfano, Ana Gomes, Rui Tavares

Data ta' skadenza: 20.4.2012

0002/2012

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-użu ta' ajruplani mingħajr piloti għal qtil immirat

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-rapport tan-NU dwar il-qtil immirat (2010);
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' Ġinevra (1949) u l-Protokoll Addizzjonali (1977),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. filwaqt li l-użu ta' ajruplani mingħajr piloti għal qtil immirat żdied konsiderevolment,

B. billi, skont il-Konvenzjoni ta' Ġinevra f'każ ta' kunflitt armat mhux internazzjonali, persuni li jipparteċipaw direttament fil-ġlied biss jistgħu jiġu mmirati u f'każ ta' dubju l-individwi jridu jiġu trattati bħala ċivili,

Ċ. billi, skont ir-rapport tan-NU dwar il-qtil immirat, operazzjonijiet ta' ajruplani mingħajr piloti "inevitabbilment iwasslu għal qtil indiskriminat taċ-ċivili"; billi, skont il-Pakistan Body Count, sa 2179 ċivil kien maqtul f'operazzjonijiet ta' ajruplani mingħajr piloti fil-Pakistan sat-30.09.2011,

1. Iħeġġeġ lill-UE u l-Istati Membri tagħha sabiex jipprojbixxu b'mod kategoriku operazzjonijiet ta' ajruplani mingħajr piloti għall-iskop ta' qtil immirat u jappoġġaw il-proskrizzjoni internazzjonali tagħhom;

2. Iħeġġeġ lill-UE u l-Istati Membri tagħha sabiex jimpenjaw ruħhom, sakemm tintlaħaq projbizzjoni totali ta' operazzjonijiet ta' ajruplani mingħajr piloti, biex jiżguraw li l-Istati jippubblikaw taħt liema kriterji jistgħu jseħħu operazzjonijiet ta' ajruplani mingħajr piloti u biex jinfurmaw dwar il-vittmi, partikolarment il-vittmi ċivili;

3. Iħeġġeġ lill-UE u l-Istati Membri sabiex jimpenjaw ruħhom biex jiżguraw li f'każijiet ta' qtil illegali, jittieħdu miżuri kontra min jikkommetti dawn ir-reati u li l-ħatja identifikati jiġu penalizzati;

4. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-parlamenti tal-Istati Membri.